# Hawn Jien!

## Is-Seminarista Matthew Bajada jintervista lil Dun Michael Grima

**X'kien dak li wasslek tibqa' miexi b'perseveranza lejn is-saċerdozju f'kuntest soċjali li ma jħeġġiġx il-vokazzjoni?**
Il-komunità li fiha trabbejt għenitni biex napprezza lill-qassis u nisslet fija x-xewqa li anki jien inkun saċerdot. Fl-istess waqt nemmen li kien Alla li żera' fija l-vokazzjoni u tani l-qawwa biex, bl-għajnuna ta' nies oħra, nieħu ħsiebha, hekk li maż-żmien stajt nifhem dejjem aktar kemm hu worthed li tħalli kollox għal xi ħadd li tak kollox b'fedeltà: Ġesù. Tul l-aħħar snin, l-eżempju ta' nies, li għalkemm tilfu kollox baqgħu jittamaw f'Alla, għenni nagħraf li l-valur tal-ħajja jmur 'il hinn mill-kwalitajiet u mill-possessjonijiet materjali. B'dan il-mod tħeġġiġt biex anki jien inħalli kollox u nimxi wara Ġesù.

**Min hu għalik is-saċerdot?**
Hu l-midneb maħbub, imsejjaħ biex iwassal il-fejqan ta' Ġesù lill-bqija tal-bnedmin. Għaldaqstant jeħtieġ li s-saċerdot ikun qrib Alla u qrib il-bniedem.

**X'jeħtieġ li jwassal illum is-saċerdot?**
Lil Ġesù, li hu t-tama u l-imħabba li jimla l-qalb tal-bniedem. Dan ma jfissirx li s-saċerdot għandu xi soluzzjoni maġika lesta, imma li bis-sabar u bl-umiltà jeħtieġ li jakkumpanja lill-bniedem tal-lum fil-ħajja tiegħu.

**X'sehem kellu s-Seminarju fil-mixja vokazzjonali tiegħek?**
Kien żmien li fih fhimt li jien nagħmel parti minn familja. Għaraft li aktar ma nkun miftuħ għall-oħrajn, aktar nista' nagħraf jien min jien: il-kwalitajiet u d-dgħufijiet tiegħi; aktar nista' nikber umanament u spiritwalment; u aktar nista' nagħraf x'irid Alla minni.

**Liema kien il-mument li l-aktar laqtek waqt l-Ordinazzjoni Saċerdotali? X'ħassejt dakinhar?**
L-Ordinazzjoni ġarret magħha diversi sentimenti, imma ddominaw fuq kollox il-ferħ u l-paċi tal-qalb. Ħassejtni konvint li Alla sejjaħli għal din il-missjoni. Il-mument l-aktar qawwi kien it-tqegħid tal-idejn minn Mons. Isqof. Dak il-ħin ħassejt il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u għaraft li Alla se jkun miegħi verament tul il-ħajja saċerdotali kollha tiegħi.

**X'parir tagħti lil żgħażagħ oħra li qed jikkunsidraw il-vokazzjoni saċerdotali?**
Tibżax tħalli x-xewqat tiegħek jimmotivawk u jmexxuk 'il quddiem, anki jekk ħafna drabi dawn joffru sfidi kbar. Tibżax tiftaħ qalbek u tiddiskuti dawn x-xewqat ma' xi ħadd li jista' jgħinek. Tibżax tkun ġeneruż u tingħata lill-oħrajn.



150 SEMINARJU MISSJUNARJU #gwatemala2017









Grazzi lilkom li għentuna u ppparteċipajtu fl-attività Sunday Funday nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 2017.

*Grazzi...*

lilkom li bgħattu xi materjal għall-missjoni u għentuna nippakkjaw il-kontejners nhar is-Sibt 27 ta' Mejju 2017.

Irrodulkom ħajr għax kien grazzi għall-għajnuna tagħkom li l-Komunità tas-Seminarju tinsab twettaq esperjenza missjunarja fil-Gwatemala!


sem&u

Ġunju 2017
Ħarġa nru 6

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,


Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt


## "Ħaffef, oħroġ, ħalli dari timtela." Lq 14,23

Mill-21 ta' Ġunju sat-12 ta' Lulju 2017, is-seminaristi flimkien mal-formaturi se jkunu fil-Gwatemala, fil-parroċċa ta' Santo Hermano Pedro, immexxija mill-missjunarju Għawdxin Dun Anton Grech. Dun Anton ilu l-Gwatemala 20 sena, jiġifieri mill-ordinazzjoni tiegħu. Din l-esperjenza missjunarja hija l-qofol tal-mixja formattiva tas-Seminarju fl-okkażjoni tal-150 sena mit-twaqqif tiegħu. Din l-esperjenza għandha tkompli ssaħħaħ l-identità missjunarja tas-seminaristi u, kif tenna l-Isqof, tkompli tagħmel mis-Seminarju tagħna "Seminarju Missjunarju". Għaldaqstant, it-tema li ntgħażlet għal din is-sena formattiva – "Ħaffef, oħroġ, ħalli dari timtela" (Lq 14,23) – kienet marbuta wkoll ma' dan il-proġett u l-ħarsa missjunarja. Bi tħejjija għaż-żjara fil-Gwatemala, f'dawn l-aħħar xhur is-Seminarju organizza numru ta' attivitajiet biex jintbagħtu żewġ kontejners fil-parroċċa ta' Dun Anton u jinġabru fondi b'risq proġetti oħra li hu għandu fil-parroċċa tiegħu. Dan seta' jseħħ bl-għajnuna tal-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju u ta' ħafna kollaboraturi u sponsors, li nirringrazzjawhom mill-qalb.

Din l-esperjenza tas-seminaristi tikkumplimenta bosta esperjenzi missjunarji oħra li diversi adulti u speċjalment żgħażagħ iwettqu fis-sajf. Dawn l-esperjenzi qed jiżdiedu maż-żmien. Huma okkażjonijiet li ma jmissux biss l-ambjent u l-persuni fejn isiru, imma wkoll jibdlu l-qalb ta' min jagħmilhom. Il-Papa Franġisku spiss itennilna biex inkunu Knisja li "toħroġ" mill-għeluq protettiv tas-santwarji tagħha u tmur tfittex lil min jinsab fil-periferiji tas-soċjetà biex twasslilhom il-Vanġelu li jsalva. Jeħtieġ għalhekk li nkabbru s-sensibbiltà missjunarja fost il-komunitajiet Insara, għax din hi l-identità tal-ħajja Nisranija. Il-poplu tagħna hu ferm ġeneruż mal-missjunarji tagħna u ma' missjunarji oħra li benefatturi Għawdxin ikunu għenu fil-formazzjoni tagħhom. B'hekk, min b'mod u min b'mod ieħor, inkunu nsostnu l-ħidma missjunarja tal-Knisja, u f'ċertu sens nieħdu sehem fil-'mandat missjunarju' ta' Ġesù: "Morru fid-dinja kollha..." (Mt 28,19-20). Bil-ħidma "missjunarja" li nwettqu jew nappoġġjaw, mingħajr daqq ta' trombi nkunu nikkontribwixxu wkoll għal dinja aktar solidali u ġusta.

Id-dimensjoni missjunarja tal-ħajja Nisranija u tal-formazzjoni fis-Seminarju tinkarna b'mod partikulari fil-ħajja tas-saċerdot, li hu msejjaħ mill-imħabba ta' Alla biex, fuq l-eżempju ta' Kristu, jagħti ħajtu għall-oħrajn. Irroddu ħajr lil Alla għall-grazzja li tana fl-ordinazzjoni presbiterali ta' Dun Michael Grima u Dun Carl Scerri, u l-ordinazzjoni djakonali ta' Joseph Hili. Nuru l-gratitudni tagħna għall-familji tagħhom fejn nibtet u ssawret il-vokazzjoni; għall-komunitajiet li fihom imxew il-grajja tal-fidi; għal tant persuni u benefatturi li kienu preżenti u għenuhom fil-formazzjoni tagħhom. Filwaqt li nawguraw liż-żewġ saċerdoti ġodda għall-ministeru pastorali li l-Knisja qed tafdalhom, inkomplu nitolbu għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata fid-djoċesi tagħna.

Fid-dawl ta' dan, jeħtieġ nitfgħu l-ħarsa tagħna 'l quddiem bi tħejjija għall-15-il Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet li se jinżamm f'Ottubru 2018. Bħala tema, is-Sinodu se jiddiskuti: "Iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali". Kif jgħidilna d-dokument preparatorju, hemm rabta intima bejn il-vokazzjoni u l-missjoni (fis-sens wiesa' tagħha): "Tilqa' l-missjoni jimplika li tirriskja ħajtek u timxi t-triq tas-salib, fuq il-passi ta' Kristu li, b'rieda sħiħa, telaq lejn Ġerusalemm (ara Lq 9,51) biex jagħti ħajtu għall-umanità" (n.3). F'kuntest fejn naraw ħafna għażliet mibnija fuq l-individwaliżmu u l-egoiżmu, dawn l-esperjenzi missjunarji jawguraw li l-Mulej jibqa' jsib qlub mimlija mħabba ġeneruża li lesti jingħataw lilu b'mod sħiħ fis-saċerdozju ministerjali.

**Dun Giovanni Curmi**
*Pastoral Mentor*



# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Nhar il-Ġimgħa 28 u s-Sibt 29 ta' April sar **weekend ta' formazzjoni** umana fid-*Dar Stella Maris* iż-Żebbuġ. Dan tmexxa minn Ms Maria Vella.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' *fundraising* għall-missjoni fil-Gwatemala, is-seminaristi flimkien ma' xi voluntiera organizzaw ***Sunday Funday***, ġurnata ta' divertiment għat-tfal u għall-familjari tagħhom. Din l-attività saret f'Ta' Mena Estate, Marsalforn.

**Ġew fi tmiemhom il-laqgħat tal-ministeri** – laqgħat ta' formazzjoni għas-seminaristi li kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa. Din is-sena trattaw il-virtù tal-fidi u l-kunsill evanġeliku tal-faqar. Il-Komunità raddet ħajr 'l Alla b'Quddiesa fil-Kappella ta' San Dimitri, fil-Għarb.



Sar **pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu** u fi tmiemu saret Quddiesa li fiha l-ordinandi għamlu l-wegħdiet tagħhom bi tħejjija għall-Ordinazzjoni.





**L-istudenti tal-Grupp Vokazzjonali tad-Djoċesi** ngħaqdu mas-seminaristi għal mument ta' talb fil-kappella u għal barbikju flimkien fuq il-bejt tas-Seminarju.

Saret **velja ta' talb** bi tħejjija għall-Ordinazzjonijet Presbiterali u Djakonali. Din saret fil-grawnd tas-Seminarju Minuri. L-Adorazzjoni kompliet mal-lejl fil-kappella tas-Seminarju.




Mons. Isqof Mario Grech ordna presbiteri lid-djakni Michael Grima (San Lawrenz) u Carl Scerri (Katidral - Victoria). **L-Ordinazzjoni Presbiterali** tagħhom saret il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017 fil-Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria.

Is-Sibt 27 ta' Mejju l-komunità tas-Seminarju flimkien ma' xi voluntiera ngabru x-Xewkija sabiex jimlew **żewġ kontejners** biex jintbagħtu fil-missjoni tal-Gwatemala.



**It-tieni semestru ġie fi tmiemu** u għaldaqstant fl-ewwel ġimgħat ta' Ġunju s-seminaristi kellhom l-eżamijiet. Wara l-eżamijiet, fil-15 ta' Ġunju 2017, saret **l-Ordinazzjoni Djakonali** tas-seminarista Joseph Hili (Xagħra). Fil-21 ta' Ġunju s-seminaristi flimkien mal-formators bdew **l-esperjenza tal-missjoni fil-Gwatemala** u għandhom jiġu lura fit-12 ta' Lulju. L-aħħar impenn għal din is-sena huwa l-għeluq tas-sena tal-formazzjoni 2016-2017 li se jsir permezz ta' **Quddiesa flimkien mal-familjari**, immexxija minn Mons. Isqof, nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju.

## Grazzi

mill-qalb lill-benefatturi kollha: lil dawk li jiftakru fis-seminaristi fit-talb tagħhom, lil dawk li joffru tbatijiehom għas-seminaristi, lil dawk li joffru l-ħin tagħhom lis-Seminarju, lil dawk li kkontribwew permezz ta' borża ta' studju jew donazzjonijiet oħra, lil dawk li offrew ikel jew riżorsi oħra lill-Komunità tas-Seminarju. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

# Mill-Eku tas-Sena Intermedjarja

Seminarista **Daniel Mercieca**

"Il-ħajja mgħixa ma' Kristu hija avventura mill-isbaħ". Dan il-kliem ta' San Ġwanni Pawlu II jikkonferma li, hi x'inhi s-sejħa li Alla jagħmel lill-bniedem, meta wieħed iżomm lil Kristu preżenti f'ħajtu, bis-sabiħ u l-ikrah tagħha, din issir avventura mill-isbaħ. Dan il-kliem għextu tul din is-sena ta' formazzjoni tiegħi fl-Arċidjoċesi ta' St Andrews u Edinburgh.



L-esperjenza tiegħi f'dawn iż-żewġ parroċċi kienet waħda sabiħa u kienet mifruxa f'diversi oqsma u realtajiet tal-ħajja. Dawn ġabuni aktar wiċċ imb wiċċ ma' kemm hu meħtieġ li l-Knisja toħroġ 'l hinn mill-erba' ħitan tagħha u tgħin lil dawk kollha li huma fil-bżonn.

Ta' kull xahar, jiena flimkien mal-Kappillan, konna nżuru madwar 35 familja li fihom kien hemm anzjani jew morda li ma setgħux joħorġu minn djarhom. Dawn il-mumenti kienu sbieħ, u f'xi okkażjonijiet kienet ukoll tiġi rrakkuntata xi storja żgħira li kellha x'taqsam mar-raħal jew mal-parroċċa. Dan il-mument kien sabiħ u importanti mhux biss minħabba l-kumpanija, imma għax kien jkun ukoll mument ta' talb fejn huma kienu jirċievu l-Ewkaristija. F'xi okkażjonijiet il-qassis kien jamministralhom il-Griżma tal-Morda.



Kont nipparteċipa wkoll f'wieħed mill-gruppi tal-parroċċa, magħruf bħala l-RCIA (Rite of Christian Initiation of Adults). Dan il-grupp iħejji nies li jixtiequ jidħlu fil-Knisja Kattolika. Il-kors, li jiżvolġi f'laqgħa kull ġimgħa bbażata fuq il-Katekiżmu, jagħti stampa ċara u dettaljata ta' kif in-Nisrani għandu jgħix f'armonija ma' Alla u ma' ħutu l-bnedmin. Tul il-laqgħa kienu jsiru diversi interventi u diskussjonijiet li kienu jgħinu biex aħna flimkien mal-katekumeni nifhmu aktar is-sabiħ tal-ħajja Nisranija.

L-altar huwa post sagru u għalhekk jeħtieġ li dawk li jaqdu fuq l-altar ikunu mħarrġa hekk li jkunu pont li jgħaqqad lill-poplu mas-saċerdot fl-aktar mumenti importanti tal-Quddiesa. Hu meħtieġ għalhekk li l-abbatini ma jkunux ippreparati biss f'dak li huwa prattiku, imma wkoll li jkollhom formazzjoni spiritwali. Għaldaqstant, tul din is-sena sarulhom numru ta' laqgħat biex jifhmu aktar ir-responsabbiltà tagħhom. L-abbatini ġew affiljati wkoll fil-Guild of St Stephen, li hija organizzazzjoni internazzjonali għall-abbatini mwaqqfa fl-1904. Saru wkoll xi attivitajiet biex l-abbatini jsiru jafu aktar lil xulxin.

Ħdimt ukoll fiż-żewġ skejjel tal-parroċċi tagħna. B'differenza minn Malta, il-preparazzjoni għas-sagramenti ssir kollha fl-iskola, u għalhekk b'mod regolari kont inżur l-iskejjel u ngħin fil-preparazzjoni. Ħsibna biex fir-Randan isir programm speċjali għall-għalliema u għall-istudenti biex jifhmu aktar dan iż-żmien u biex jipparteċipaw fih konkretament. Bil-għajnuna wkoll ta' xi membri tal-istaff tal-iskola ħeġġiġna għal sens ta' karità, billi organizzajna fundrasing b'risq bini ta' dar fil-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala.



Jeħtieġ li l-Knisja taħdem dejjem aktar mal-familji ż-żgħar u t-tfal, li huma l-pedament tal-Knisja futura. Għaldaqstant, kull l-ewwel Ħadd tax-xahar, il-parroċċi kienu jorganizzaw Quddiesa għall-familji u għat-tfal. Din kienet tkun animata mit-tfal u għaldaqstant għenet biex it-tfal u l-familji tagħhom jinvolvu aktar ruħhom fil-Quddiesa u jħossuhom aktar responsabbli fil-parteċipazzjoni tagħhom.

Dawn huma biss ftit aspetti minn dak kollu li rċivejt u li għenni nikber tul din is-sena. Żgur li din l-avventura ma jien se ninsiha qatt, u dan mhux minħabba l-ħidma tiegħi, imma għax dawn l-esperjenzi bis-sabiħ u l-ikrah tagħhom ħallew impatt fuq il-mixja vokazzjonali tiegħi.